**12 ta' Diċembru**

**Tifkira ta'**

S. ĠOVANNA FRANĠISKA DE CHANTAL, RELIĠJUŻA

Twieldet f'Dijon, Franza, fl-1572; iżżewġet lill-Baruni de Chantal u kellha sitt itfal, li rabbiethom fit-tjieba. Meta romlot, ħaffet b'ħeġġa kbira 'l quddiem fit-triq tal-perfezzjoni taħt it-tmexxija ta' S. Franġisku de Sales, u ħabirket f'opri ta' mħabba għall-foqra u l-aktar għall-morda. Waqqfet il-Kongregazzjoni tas-sorijiet tal-Viżitazzjoni, u mexxietha b'għaqal kbir. Mietet fl-1641.

Mill-Komun tal-qaddisin nisa: għar-reliġjużi...

Talba

O Alla, int żejjint b'merti kbar lil Santa Ġovanna Franġiska de Chantal f'kull stat ta' ħajja li minnu għaddejtha; bit-talb tagħha, agħtina li nimxu dejjem fidili massejħa tagħna li nxerrdu bla heda madwarna d-dawl ta' l-eżempji t-tajba. B'Ibnek.